semma' xi erba' għanjiet Russi li ommha kienet għallmitha qabel mietet, u l-kisra ta' leħenha kienet tixhed li qalbha kienet tħoss dak li tkun tgħanni. Missierha, meta kien jaf li hemm il-Maltin, f'amġie li stieden xi fizzjali ġo daru biex igħaddu filgħaxijiet f'amġie li stieden xi fizzjali ġo daru biex igħaddu filgħaxijiet bjent iktar għal qalbhom. Kien f'waħda minn dawn il-laqgħat li għajnejjien rajt 'il Irene mill-qrib u smajtha tkanta... Niftakar, għajnejjien rajt 'il Irene mill-qrib u smajtha tkanta... Niftakar, infaħja ma qlajthomx minn fuqha, u anqas ma bqajt lura biex infaħja ma qlajthomx minn fuqha, u anqas ma bqajt lura biex ħarha fuq il-ħila tagħha għall-pjanu u għall-kant. Mill-ewwel darba għajnejna tkellmu wisq iżjed milli tkellimna bil-fomm... Wara dan għaddejt ġimgħa fuq ix-xwiek, bil-lejl ma norqodx, u bin-nhar il-ħin kollu għaddej minn quddiem id-dar tagħha; imma qatt ma rnexxieli nilmaħ 'il din it-tfajla sabiħa li kienet serqitli l-mistrieħ ta' qalbi......

"Ix-xorti riedet li stajt ngħin 'il missierha f'daqsxejn ta' inkwiet li kellu fuq xi merkanzija li ried isiefer, u b'hekk iktar minn darba ġejt mistieden biex immur għandhom... u jiena u Irene ersaqna iktar lejn xulxin. Ġie li ħriġtha miegħi nduru mal-belt. Fl-aħħar għamilt il-qalb, staqsejtha jekk kenitx tħobbni—u qaltli "Iva"...... Minn dak in-nhar bdew għalija jiem ta' ferħ li llum nibkihom aktar, għax naf li magħhom marret ukoll it-tfajla li kont ħabbejt. L-imħabba ta' Irene kienet xi ħaġa ġdida għalija, imżewqa bit-twemmin fieragħ ta' pajjiżha. Qaltli li malli ħabtet biex tinġibed lejja kienet marret għand waħda xiħa biex taqralha idejha, u din kienet qaltilha li kellha tkun maħbuba bil-bosta; imma l-ħajja ta' l-imħabba ma kellhiex iddum żmien twil. U għalhekk kienet dejjem bil-biża' li jien sa nħalliha u nsir inħobb lil xi ħaddieħor f'lokha... Bdiet tidlek xagħarha u laħamha bl-ilma li tatha x-xiħa biex iktar tidher sabiħa, u lili tatni maktur bil-qtar tal-fwieħa ġo fih (dan kollu sirt nafu wara) biex l-imħabba tiegħi tibqa' ma tinbidilx. Għaddew il-jiem, u l-jiem saru ġimgħat, u fost daqstant nies aħna t-tnejn ħassejna rwieħna ngħixu weħidna, f'dinja ġdida li ma kenitx tesgħa 'l ħaddieħor ħliefna......'

Il-Kaptan waqaf ftit, u n-nifs tiegħu nstema' ħiereġ qawwi u mgħaġġel. Fil-bogħod, mal-messiet tal-kitarra, kien instema' leħen igħanni, fuq żagħżugħ li kien tilef it-tfajla ta' mħabbtu, u li ried jerġa' jqajjimha għall-ħajja u jpittirha bid-dmugħ ta' għajnejh u bid-demm ta' qalbu. Maż-żiffa ħelwa ta' filgħaxija, baqgħu jidwu l-aħħar kelmiet tal-għanja :—



"Il-kulur id-demm ta' qalbi,
iż-żejt id-dmugħ ta' għajnejja......"

"Imma s-sajf ġie," issokta wara ftit il-Kaptan; "u aħna ġejna ordnati għall-kampanja qalb il-muntanji. Kienet lejla bħal din meta, bid-dmugħ f'għajnejna, tajna l-aħħar tislima lil xulxin... Qabel tlaqt wegħidtha li niktbilha kull meta nkun nista' u hija qalet li kellha twieġeb għall-ittri tiegħi. U għal xahrejn sħaħ imħabbitna nfexxet f'kitba mill-isbaħ maħruġa minn żewġt iqlub nofshom maqsuma... Imbagħad daħal fin-nofs għadu ġdid, qalil, u bla ħniena. Marda kiefra qamet fost in-nies tal-belt, u bdiet iġġorr nies bil-gzuz. La kien hemm għani u anqas fqir għaliha, kulħadd kien xorta waħda quddiemha... Biex ma ntawwalx, (għax meta niftakar inħoss qalbi tingħafas) 'l Irene messitha din il-marda u f'qasir żmien inbarmet u ntemmet. Ħadt aħbar ta' mewtha ġimgħa wara—u anqas biss stajt nidħol il-belt għax kienu għamluha kwarantina.

"Ftit wara r-riġment tagħna tbiegħed minn dawk l-inħawi għal dejjem, u qatt minn dak iż-żmien ma rġajt irfist ġo dik il-belt fejn kont għaddejt l-isbaħ sigħat ta' ferħ u fejn kienet mietet dik li darba kont ħabbejt......"

Il-Kaptan waqaf u kulħadd baqa' sieket,, għax milli rajna s-skiet biss kien l-aħjar sabar li sata' jfarraġlu qalbu. Il-qamar kien ħareġ minn wara roqgħa sħab kbira, in-noti tal-kitarra fil-bogħod intfew u mietu, u ċ-ċekċik tal-banketti u s-siġġijiet ma' l-egħtiebi tad-djar tal-qrib fakkru li l-lejl kien għamel sewwa u kien sar ħin l-irqad għalina lkoll...

---

## TISWIJA

Nixtiequ niżżuħajr lir-Rev. Amante Buontempo li nebbahna bl-iżball li qabżilna fil-ħarġa tagħna ta' Settembru li għadda. 'L-istudju "Drawwiet Qodma Maltin" kitbu l-ħabib tagħna s-Sur A. Zammit. Nitolbuh jaħfrilna għall-iżball li ħadna.